MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 559/2014

**GO p.l.c C22334**

**vs.**

**Andrew Camilleri K.I. 108284(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 ta’ Awwissu 2014, illi permezz tiegħu s-soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta’ elf, tliet mija u sebgħa u disgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€1397.70), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni, bl-akkont numru *A/C 40234659 u A/C 40238206* mogħtija mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' elf, tliet mija u sebgħa u disgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€1397.70), bl-imgħax legali dekorribbli mit-28 ta' Jannar 2014, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 143/14, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------